MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 3/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partjiet izzewgu nhar l-id-disgha w ghoxrin [29] ta' Jannar 1994 fil-Knisja Parrokjali tal-Pieta.

2. Illi minn tali zwieg huma kellhom tifel bl-isem ta' G li llum ghjandu sbatax-il sena;

3. Illi huma ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Pubbliku Marco Farrugia datat 10 ta' Awissu 2000 (vide Dok.'A')

4. Illi ghalhekk huma ilhom aktar minn hdax – il sena ma jghixu flimkien;

5. Illi r-rikorrent ma jara l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi l-intimata qieghda tircievi minghand ir-rikorrent il-manteniment ghaliha u ghall-minuri fis-somma ta' EURO 93.17 fil-gimgha [oltre z-zieda skond l-indici tal-gholi tal-hajja], liema manteniment dejjem gie vversat minnu b'mod regolari u dan skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnu u l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.

2. Tordna li-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-Partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata u id-dokumenti esebiti, li *in forza* taghha hija eccepiet :

- Mhuwiex minnu li r-rikorrent hallas lill-intimata l-manteniment stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni ghaliha u ghat-tifel minuri tal-partijiet. Fil-fatt minn mindu gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni ir-rikorrent hallas biss €93.17 (dak iz-zmien Lm40) fil-gimgha u qatt ma hallas iz-ziediet proporzjonali tal-istess manteniment skond l-indici tal-inflazzjoni kif stipulat fil-klawsola 7c tal-kuntratt. Kif jidher mill-prospett hawn anness markat **Dok RS1**, l-arretrati fil-hlas tal-manteniment dovuti mir-rikorrent sad-19 ta' Marzu 2012 jammontaw ghal tmint elef mitejn disa u sittin euro u erba centesmi (€8269.04).

- Inoltre inkwantu ghal manteniment tat-tifel minuri, l-esponenti tissottometti li din il-Qorti ma tistax tkun sodisfatta li hemm manteniment adegwat kif jistipula l-artikolu 66B(c) fejn issir riferenza ghal dak mahsub fl-

artikolu 57. Dan qed jinghad ghaliex l-artikolu 57 jikkontempla l-obbligu tal-genituri ghal manteniment u edukazzjoni tat-tfal u l-artikolu 3B tal-istess Kodici, kif emendat bl-Att XIV tas-sena 2011 jestendi l-obbligu tal-manteniment oltre l-eta ta' tmintax (18) il-sena u sa l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena fejn it-tfal ikomplu f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full time. Fil-kaz odjern, il-kuntratt ta' separazzjoni, iffirmat fis-sena 2000 u ghalhekk qabel l-introduzzjoni tal-emenda fuq imsemmija fl-artikolu 3B, jikkontempla biss hlas tal-manteniment ghat-tifel minuri sakemm jaghlaq tmintax (18) il-sena.

Ghalhekk it-talbiet kontenuti fir-rikors ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Jannar, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata qeghda topponi ruhha ghat-talba tar-rikorrenti ghal pronunzjament tad-divorzju peress illi tikkontendi illi ir-rikorrenti ma hallashiex il-manteniment kif stipulat fil-kuntratt tas-separazzjoni ghaliha u ghal binha minuri u dana peress illi qatt ma hallas iz-zidiet proporzjonali tal-istess manteniment skond l-indici tal-inflazzjoni;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi ir-rikors thalla ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata irnexxielha tipprova illi effettivament ir-rikorrenti kien ihallas il-manteniment, izda il-Qorti hija sodisfatta illi l-intimata irnexxielha tipprova illi ir-rikorrenti ma hallasx iz-zieda proporzjonali skond iz-zieda fl-indici tal-inflazzjoni. Ghalhekk ir-rikorrenti naqas millli jissodisfa rekwizit essenzjali sabiex zwieg jigi mahlul

u dan peress illi ma hallasx il-manteniment dovut lill-intimata skond il-kuntratt ta’ separazzjoni personali iffirmat bejn ir-rikorrenti u l-intimata.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------